# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru 1226/2021 FDP**

Fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru 1119/2019 FDP fl-ismijiet

**R.A. & Sons Limited (C-52993) u R.A. & Sons Manufacturing Limited (C-58064)**

**Vs**

**Christopher Aquilina (ID 521376M) u, b'digriet tat-23 ta' Ġunju 2021, ġew kjamati in kawża VACF Plasterers Limited (C45989) u VACF Property Finishings Limited (C90332)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ta' **VACF Plasterers Limited (C45989) u VACF Property Finishings Limited (C90332)** ippreżentat fl-10 ta' Diċembru 2021 fejn talbu s-segwenti:

*Illi dan ir-rikors qed isir u jiġi ppreżentat a tenur tal-provvedimenti tal-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. (Kapitolu 12);*

*Illi permezz ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1802/2021 ppreżentat fit-7 ta' Diċembru 2021, s-soċjetajiet attriċi talbu u ottjenew il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kontra s-soċjetajiet kjamati in kawża;*

*Illi jeżistu r-raġunijiet kontemplati fl-Artikolu 836(1)(b), 836(1)(d) u 836(1)(f) sabiex l-att kawtelatorju fuq imsemmi jiġi revokat għal kollox u dan għar-raġunijiet segwenti;*

*Illi r-rekwiżiti biex mandat jibqa' fis-seħħ huma riflessi fid-deċiżjoni fl-ismijiet Desmond Stanley Stuart vs Therese Mangion Galea datata 29 ta' Lulju, 2005,*

*li fiha l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili elenkat sintetikament l-elementi sabiex persuna tkun tista' toħroġ mandat kawtelatorju u stipulat li:*

*"Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi eżegwit taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu";*

1. *Illi VACF Plasterers Limited (C45989) u VACF Property Finishings Limited (C90332) mhumiex il-leġittimu kontradittur in kwantu kwalunkwe pretensjoni illi seta' kien hemm mis-soċjetajiet attriċi fil-konfront tas-soċjetajiet kjamati in kawża VACF Plasterers Limited (C45989) u VACF Property Finishings Limited (C90332) ġie eżawrit permezz ta' skrittura datata 1 ta' Ottubru 2019 (eżebit mis-soċjetà attriċi vide Fol 11-13) iffirmata bejn, is-soċjetajiet attriċi, is-soċjetajiet kjamati in kawża, Christopher Aquilina u Victor Fenech personalment fejn il-partijiet kollha qablu illi:*

   *"Christopher Aquilina is personally assuming liability for any outstanding dues to RA from VACF which outstanding liability still needs to be established and proven. For all intents and purposes this document shall serve as an assignment of any liabilities in excess of €35,464 75 from VACF to Christopher Aquilina personally.* ***All Parties are acknowledging the assignment of such liabilities from VACF to Christopher Aquilina through this agreement, RA and Christopher Aquilina both declare that they shall hold VACF and Victor Fenech harmless against any claims in excess of the €35,464.75 being paid today. RA shall direct any action it may have had against VACF in excess of the €35,464.75 being paid today against Christopher Aquilina personally."*** *u dana kif ammess mis-soċjetajiet attriċi fejn ippremettew fir-rikors ġuramentat illi:*

   *"Illi wara xi diskussjonijiet ma' 1-imsemmi Victor Fenech u l-avukat tal-VACF intlaħaq qbil li — sabiex jiġu irtirati minn RA il-Mandati imsemmija, kellu jsir pagament sostanzjali lil RA fuq Skrittura Privata kif ukoll tingħata xi forma ta' garanzija għall-bilanċ pretiż fuq il-Mandati nfishom (li dakinhar kien ċirca EUR 65,000 (ħamsa u sittin elf Ewro) bl-obbligu ta' Fenech illi jattendi għall-Iskrittura flimkien ma' sieħbu il-Konvenut odjern. Difatti ġiet iffirmata l-iskrittura msemmija fl-l ta' Ottubru 2019 (Kopja Dok. B) , preżenti is-soċjetajiet R A u VACF kif rappreżentati, u deher ukoll il-konvenut Christopher Aquilina f'ismu proprju.*

   *Illi bl-istess Skrittura Aquilina daħal personalment u esklussivament responsabbli għal kwalunkwe dejn akkumulat ta' VACF, u b'turija ta' dan, ħallas personalment lil RA — dak il-ħin permezz ta' ċekk is-somma ta' sitta u tletin elf, mitejn u erbgħa u sittin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (EUR 36,264.75), b'assenjazzjoni (ara kopja Dok. B) inklużi l-ispejjeż taż-żewġ Sekwestri imsemmija, u dan sabiex jitneħħew iż-żewġ Mandati imsemmija.* ***Il-konvenut Aquilina aċċetta wkoll li anke jekk hemm dovuti ammonti***

***ikbar oltre dak apparenti b'riferenza għall-mandati, u l-Qorti li jikkonċernaw lill-VACF (salv li jiġu pruvati) ikun hu biss il-persuna responsabbli.*** *Għal dan il-għan, il-konvenut intrabat li jipprovdi garanzija personali fi żmien sebat (7) ijiem b' ipoteka ġenerali , u oħra speċjali fuq il-propjeta' tiegħu Brocaris Triq Dun Gorg Fiteni, Naxxar, u dan għal perijodu minimu ta' tlett (3) xhur, bit-tama li kien jista' jintlaħaq fl-intervall ftehim bonarju dwar x'kien hemm dovut mill-VACF."*

*Kif ikkonfermat ulterjorment fid-dikjarazzjoni tal-fatti tal-Atturi, Ward Caldwell (K.I. nru.0116934A) fl-istess rikors ġuramentat 1119/2019 intqal illi:*

***Illi f'din il-kawża ma ġewx imħarrka is-soċjetajiet VACF peress li bl-iskrittura Dok B fuq imsemmija, il-konvenut Aquilina daħal għal kwalunkwe dejn li jgħajjat lill-VACF. F'dan il-kuntest il-Konvenut mhux biss aċċetta responsabbilta' personali għal invoices li fl-l ta'Ottubru 2019 kienu jinsabu reġistrati kontra VACF bħala debiti ċari u pendenti, iżda anke daħal għal somom ulterjuri li setgħu jirriżultaw pruvati****. Mhux talli hekk, iżda kien beda jwettaq billi ħallas 'de proprio' EUR 36,264.75 li altrimenti kienu invoices proprju maħruġa fuq VACF, u anzi obbliga ruħu jipprovdi garanzija bi Propjeta, indikata fl-iskrittura msemmija (għalkemm din ma wettaqhiex), u li hu stess kien indika; meta mistoqsi (fil-preżenza ta' kulħadd), valur ta' "xi nofs miljun ewro". Dan kollu jindika 'an admission of guilt" b'mod li dina l-Qorti tista' tikkunsidraha bħala evidenza oħra ċirkostanzjali apparti dak li se jiġi pruvat fit-trattazzjoni.* ***Għalhekk, anke jekk uħud mill-famużi "cash sales" (konvertiti minn Invoices) saru fl-interess veru tal-VACF u mhux a benefiċċju tiegħu stess, il-konvenut imsemmi jibqa' l-leġittimu kontradittur flok VACF.***

2. *Illi s-soċjetajiet attriċi kienu ppreżentaw mandat ta' sekwestru qabel ma ġiet iffirmata l-iskrittura bejn il-partijiet u fil-fatt fil-2 ta' Ottubru 2019, l-istess soċjetajiet attriċi ippreżentaw il-kontro mandati 1324/2019 u 1325/2019. Huwa inspjegabbli kif reġgħu ippreżentaw mandat meta l-iskrittura kif ingħad fuq ma tħalli ebda dubju fuq il-pretensjonijiet li jista' jkollhom is-soċjetajiet attriċi fil-konfront tas-soċjetajiet kjamati in kawża.*

3. *Illi s-soċjetajiet attriċi ppreżentaw mandat ta' inibizzjoni bin-numru 550/2021 JVC fis-16 ta' April 2021 fuq l-istess mertu liema mandat ġie deskritt bħala "fishing expedition" u ġie miċħud fit-12 ta' Mejju 2021 wara li nstemgħu l-partijiet.*

4. *Illi dan l-mandat sar b'malizzja, fil-perijodu tal-Milied sabiex is-soċjetajiet kjamati in kawża ma jkunux jistgħu jħallsu l-pagi fost obbligi oħra u fil-fatt fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2021 is-soċjetajiet kjamati in kawża talbu li jiġu deċiżi l-ewwel eċċezzjonijiet tagħha però din l-Onorabbli Qorti spjegat illi huwa iktar opportun li jiġi deċiż kollox f'daqqa. Is-soċjetajiet attriċi ħadu vantaġġ minn dan u fil-fatt kien biss wara, li s-soċjetajiet attriċi talbu dawn il-mandati bl-iskop evidenti li jġibu l-istess soċjetajiet kjamati in kawża f'pożizzjoni li ma jistgħux joperaw u għalhekk jeżistu l-kriterji sabiex jiġi applikat l-artikolu 836(8)(d).*

5. *Illi mingħajr preġudizzju l-ammont ta' €500,000 huwa inkonċepibbli in kwantu s-soċjetajiet attriċi bl-ebda mod ma ppruvaw jew jistgħu jippruvaw dan l-ammont fil-konfront ta' ebda mill-intimati. Illi fid-deċiżjoni fl-ismijiet Desmond Stanley Stuart vs Therese Mangion Galea datata 29 ta' Lulju, 2005 il-Qorti stabbiliet li:*

   *"Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras (836(1)(d) huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta) u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat";*

6. *Illi jekk dan il-mandat ma jiġix revokat is-soċjetajiet kjamati in kawża ser isofru preġudizzju irrimdejabbli.*

   *Għal dawn il-motivi l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

   1. *Tisma' u tiddeċiedi dan ir-rikors a tenur ta' l-Artikolu 836(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

   2. *Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra tal-volta meħtieġa u neċessarja, għar-raġunijiet kollha fuq esposti, tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1802/2021 a tenur tal-provvediment tal-paragrafu (b) (d) u/jew (f), ta' l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

   3. *Timponi penali fuq s-soċjetajiet attriċi ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

   4. *F'każ illi t-tieni (2) u t-tielet (3) ma jiġux milqugħa, tikkundanna lis-soċjetajiet attriċi, sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi iffissat minn din l-Onorabbli Qorti, jipprovdu garanzija adegwata għal ħlas tal-penali, danni u imgħax, u fin-nuqqas li jagħmlu dan, tneħħi l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1802/2021 u dana kollu, ai termini tal-provvediment ta' l-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra s-soċjetatjiet attriċi.*

2. Rat illi fit-13 ta' Jannar 2022, s-soċjeta' R.A. & Sons Limited u R.A. & Sons Manufacturing Limited irrispondew għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża, hawn taħt riprodotti bl-iżbalji kollha ortografiċi hemm miktuba:

   1. *Illi b' ir-Rikors fuq imsemmi qed tintalab ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru. 1202/21 maħruġ fis-7 ta' Diċembru 2021 fuq talba tas-soċjetajiet Rispondenti (li se jissejħu " RA") wara li r-Rikorrenti*

*odjerni ("VACF") kienu ġew imdaħħlin fil-Kawża bl-ismijiet fuq imsemmija.*

2. *Illi meta ġew indaħħlin fil-kawża, ir-Rikorrenti odjerni ġew hekk imsejħa fil-kawża minn din l-Onorabbli Qorti għaliex x hi ħasset li hemm elementi bizzejjed sabiex huma ikunu obbligati jirrispondu u jagħtu kont tal-aġir jew nuqqasijiet tagħhom li mkien mal-konvenut Christopher Aquilina, inkluż ukoll li id-difensuri tal-Konvenut Aquilia ma ressqux argumenti ta' reżistenza għal tali talba.*

3. *Illi il-kjamata in kawża ta- Soijetajiet rikorrenti lNTALBET għax "on consideration" meħud kont ta' kollox ma kienx ikun possibbli li Aquilima jikkommetti dawk l-atti kollha, u "igorr il-barra mill-Imhazen tal-" R A" dak il-prodott kollu, bla ma jħallas centezmu u dejjem F'-DITTA TIEGĦU VACF- tul perijodu estiz,, u jirnexxilu jagħmel kollu "AD INSAPUTA" tas-Socjeta' tiegħu stess. Għax anke kieku ried jibbenefika WAHDU u jittradixxi lill-sieħbu, kien hemm limitu kif seta jagħti kont ta' għemilu meta kien jitlaq mill-Ufficcju u jmur għall-"purchasing'.*

4. *Illi GĦALHEKK, ma huwrex possibbli u jew kredibbli li dawk is-Socjetajiet "VACF" (allura id-Diretturi ma humiex involuti, " by act or omission;" rigward l-akkwist b' kolluzjoni ma dak li kien imexi is-Sales Office bi prodotti li kienu—'del resto' - mehtiega ahan-neaozio tai-VACF. bhal ma huma patalotti kbar ta' zeba' thinners, kolla, materjal ta' kisi u tisbieh ta' ħitan, soqfa u artijiet, etcetera. U dan , fuq medda ta' snin - prodott mhux imħallas.... u dejjem a nom ta-istess VACF kif jixhdu l-invoices li istabu, warr RICERKA INTENSIVA, konsistenti f' "Invoices" mibdula f "Cash Sales".*

5. *Illi dak li jissemma fir-Rikors promotur mhux bazat fuq xi supposizzionijiet/ suspetti vagii jew kapricciuzi u wisp inqas "malizziuzi" kif issa qed jigi gratuitament allegat- IZDA jinsab izda sopportat b'dokumeni, fejn l-isem tas-Socjetajlet "VACF" jirrikorri kullumkien. U, " per equipollens" it-talba għall-ħrug ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorum f dawk ic-cirkostanzi (u oħrajn li se jissemmew) ma jistax ikun li jitqies li intalab b'xi ksur tad-drittijiet tas-Sekwestrati jew... 'xi ;abbuz' mis-sistema', jew bi ksur ta' xi ftehim li kellhom l-Esponenti u ir-r-Rikorrenti odjerni kellhom bejniethom.*

6. *Illi hawn ta' min ifakkar li, il-Konvenut originali lil-Kawża fuq imsemmija, Aquilina, (li gie kien imħarrek personalment flimkien mal-"ex-impjegat" komplici tiegħu - illum maħrug mill-kawża in virtu' ta' ammissjoni u kuntratt ta' rikonoxximent ta debitu u hlasijiet mensili stretti, --IZDA Aquilina ma qajjimx rezistenza għall-Kjamata in Kawża tal-"VACF" li kienet tinkludi ukoll lid-direttur sieħbu Victor Fenech... u għandu dritt. U hawn wieħed jistaqsi "għaliex"? Tgħid mhux għax, s'intendi, Aquilina kien li sieħbu kien konxju, jekk mhux partecipi, dwar dak li kien għaddej...kif mill-imħazen tal 'R.A, & Sons Limited f'Burmarrad kien qed jigi akkwistat il-Prodott bla ħlas, grazzi għall-istratagema imsemmija. . U b'hekk, is- sovetaiiet VACF kienu aed iarrikkixxu rwiehhom ingustament minn fuq dahar is-socjetajiet.*

7. *Illi wieħed jeħtieg wisq INQAS immaginazjoni' biex jifhem dak kollu deskritt hawn fuq milli biex wieħed jaccetta t-tezi tar-rikorrenti odjerni (il-VACF) li u jemmen li il- VACF ma u kellhom x jaqsmu xejn mal-affar; U allura hija "mani pulite" u ma għandha ebda obbligi fil-konfront tal-"RA".. Għax inkella, (jekk għal-argument) il-VACF ma kellhiex x'taqsam mal-multiplicita ta' Prodotti akkwistati allura x' qed tgħid, li il-prodotti kollha li garr il-barra Aquilima minn għand l-RA ma ġewx fl-imħazen tal-VACF flimkien ma Invoice jew cash sale receipt? JEW qed tgħid lihi (il-VACF, bejn 2017-2018 2019, dejjem xtrat il-prodotti kollha "on payment" ? 'dawk il-mezzi frawdolenti, MIN FEJN kienet qed takkwista il-prodotti alternattivi tant kwotidjanament meħtiega għax-xogħolijiet u kuntratti tagħha,... mentri naqgħet tiffigura ruħha bħala "customer predilett" ta' Raymmod Attard il-Kap ta' l-"RA" li tisupplixxi ruha bil-Prodott meħtieg, specjalment billi f'dik l-epoka il-VACF kienu qed jiggestixxu xogħol ta' binjiet imdaqqsa x' jiksu u jabbellixxu?*

8. *Illi il-VACF hi ditta relattivament zgħir a paragun ma azjendi kbar fil-kostruzzjoni u tisbieħ ta' bini gdid u qadim, izda l-Esponenti jafu li dejjem kellom klijentela tajba li għaliha, il-prodotti tal-"RA" kienu ideali, kemm availability u kemm prezzijiet kompetittivi fis-suq. U kien għalhekk li kienet nibtetet certa hbiberija bejn Victor Fenech u Raymond Attard, u l-VACF akkwistat il-fiducja u saret meqjusa fost l-ktar klijienti FDATTI mill-RA. Tant kien hekk li, kif hareg minn xhieda ta' Raymond Attard u Chris Mallia, il-VACF li BISS. Jista jingħad li kellhom certu "open credit", għalkemm minn zmien għal zmien, n l-RA kienu jircevu Cekk [[on account" biss,", on credit Kien għalhekk ukoll, meta bdew jidhru li qed jakkumulaw hafna Invoices kontra il-VACF favur l-RA, dawn is-Socjetajlet TIBDA TIBDA intimati ma' kullhadd jaf li il bidu ta' kul frodi tibda bil-holqien ta' certa fiducja", kif seta ikun hemm xi sigrieti fejn direttur jittradixxi lill-iehor Dan, izjed u izjed, għax il-mara ta Christopher Aquilina tigi OĦT id-direttur l-ieħor Victor Fenech. Għalhekk mhux verosimili li Aquiljna u martu kienu izommu " Il-"booty" kollha għalihom u ma jasal XEJN minn dak il-prodott fl-Store tal istess VACF*

9. *Illi l-iSkrittura tal-1 ta' Ottubru 2019 li fuqha hi ibbazata kollha kemm hi it-talba għa-Revoka fir-Rikors odjern, hemm hafna x'wiehed jgħid dwarha u għala ma għandhiex dina l-Qorti tikkunsidra daqs li kieku kienet xi kuntratt notarili ta novazzjoni jew rinunzja ta' drittijiet ta' R A fil konfront tal-VACF.*

10. *Kif jigi spjega tqabel, l-iSkrittura ma għadx għandha validita' inforzabbli jew ezegwibilita; minnha infisha, bħala xi forma ta' kuntratt, għall fini li tottieni għal parti minnhom ir-revoka ta Mandat kawtelatorju... għaliex:*

(1) *għaddiet iktar minn sena fuqha bla ma giet imgeddha*
(2) *hi tressqet,ill-R A bhala dokment fl-Atti tal-Kawża imsemmija semplicement għall fini tal-effett probatorju fil-konfront ta' fisses li, kieku ma kellu ebda htija f-akkwist ta prodotti mill-RA u fil kontijiet tal-VACF,*

*ma kienx igorr fuqu u iħallas fuq li Skrittura ammont ta' madwar 35,000 ewro personalment;*

*(3) anke jekk il-perijodu ta' kwazi sentejn li għaddew fuqha, il-Qorti ma tqisux bizzejjed biex jispiccaw l-effetti legali tagħha. l-iSkrittura giet invalidata. inkluż s intendi kwalunkwe "WAIVER" espress jew prezunt fil-konfront tal- VACF peress il Christopher Aquilia naqas milli jwettaqha fl-aspetti kollha tagħha, fosthom l-obbligu krucjali hemm miftiehem cioe' li jipprovdi meta irrifjuta li jipprovdi garanzija għal ħlasijiet futuri attribwibbli għalieħ u jew għall-VACF li kienu għad iridu jipprezentawlu l-RA, billi iħallhiom jirregistaw kotra tiegħu IPOTEKA SPECIALI liindika hu stess fl-iskrittura bl-iskuza li martu ma haLMTUX GĦAX sostniet li dak il-post kien parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*

*(4) lil-iSkrittura giet ukoll invalidata, permezz tal-istess " patt kommissorju tacitu" peress li Aquilina, meta rinfaccjat b'dawk l-ammonti l-oħra" riżultanti" bħala dovuti minnu u mill-VACF (in virtu' tal-invoices imdawra f "Cash Sales), xorta wahda beda jicħad li għandu jagħti izjed flus u jsostni li bil-ħlas tas-somma fqira fuq imsemmija hu kien mehlus.*

*(5) Il-VACF, meta ressqu lil-direttur tagħhom Christopher Aquilina bħala li jerfa fuq spatlejh kwalumkwe kont li jirriżulta riżultat ta xi frodi jew simili atti, kienet meqjusa mill-RA bħala li se tressaq pagatur, wieħed li ma jipprivax jaqbez is-sunnara....infatti Victor Fenech kien qal lil Raymond Attard "ħalli f'idejja".. u dak kien seta biss ifisser li DAK li kien sejjer jinkiteb, Aquilina kien ser jonorah. Izda dan ma sehhx.. għax Victor Fenech ma għamel XEJN biex iwassal li siehbu biex ikopri l-obbligi assunti. B'hekk il-VACF hi ukoll partecipi, bin negligenza tagħha fil-ksur tal iSkrittura.*

*10. Illi il-ktiba kienet saret taht cirkostanzi partikolari meta kienu bdew jinstabu INVOICES mibdula f'CASH SALES, u il-parti stragrandi tagħhom kienu igħajtu lil VACF. Sa dik l-epoka, minn meta, ftit qabel is-sajf ta' dik is-sena (2019) bdew jigu skoperti in-nuqqijiet fl-INTROITI tal "RA", minħabba li kien ħareg ħafna 'prodott; bla ma sab ħlas korrispettiv f'Cash jew f'Cekkijiet, ..kien irriżulta FIGA sa dakinhar lil-VACF kellhom "outstanding Invoices pending kontrihom li kienu annontaw għal madwar mitt elf ewro (EUR 10000)... li mitlub ihallsas, Victor Fenech ma qabilx mal-Ammonti indikati, insistew tal RA għax kollox kien fuq VACF.. u xhin baqgħu mhux imhallsa milll VAC, '"RA"spiccaw kellhom jipprezentaw Protest Gudizzjarju b'trerminu qasir għall-hlas.. billi ma sar XEJN, inharguzxewg Mandati ta' Sekwestru kawtelatorii konra iz-zewg socjetajiet VACF għas-somma fuq imsemmija...u li giet indikata bħala provvizorja.*

*11. Illi dak il pass kien it-trigger li caqlaq lill Victor Fenech biex javvicina l-RA... u giet eskogitata dik l-Iskrittura li biha la kompla obbligi minnu assunti, Aquilina, u lanqas ma thabat ftiteneh biex tigi imwettqa minn diehbu. ALLURA ma jitgħux ISSA, il-kumpanniji -VACF, jibqgħu hielsa minn kull obbligu lejn l-RA dwar kontijiet dovuti skond kif qed jigi privat*

*flt-mori tal-gidizzju pendenti fil-prim Awla bin numru 1119/19 FDC. meta huma ukolli kisru il- patt magħmul ill-anagine director Victor gatureventwali u dan ma wettquhx. (sic)*

12. *L-iskop tal-iSkruttura,, in kwantu il-VACF, għalfejn saret l-iskrittura kien biex jigi akkommodat Victor F eech li TALAB minn Raymond Attard' mitt elf ewro Mandati' it fuq imemmija, u li kienu difatti tnehhew bil-mezz tal-iSkrittura, war a li kien sar Protest Gudzzjarkontra il-VACF kif igħad. L=iskop ikwantu l-RA kien li 1_ jigbru immedjatament imqar pagament akkont tal-valur ta-zzewg mandati u (2 jikunukoperti li I VACF tipprezenta lil Aquilina bhala pagatur fidabbli (?) li ihallas kull ma jinstab b livoices to Cash Sales, almenu sas somma sekwestrata.... IZDA i dak iz zmien kienu għadhom qed iiu smisiubas-somom veri minn ricerka massiva. u l-RA ma ienux iistennew ll-ksur tal-kondizzioni tal-garanzija ipokaria mfs-sieheb ta Voictor Fenech. U lanw=qas qatt stennew li Fenech.meaiuz rispettabbll / ma ierfax sebawiehed biex iara li 1-iSkrittura titwettaq sew,*

13. *Illi dan mhux bizzejjed, gbax Is Stir Ratpnond attard, --wara li kieet introdotta il- Kawżakontra Aquilina u Malliam dwar il-frodi ta kwazi hames mitt elf ewro (cirka EUR 500.000) li kienu sofrew, — kien iltaqa ma Vctor Feech, u dan qallu li ienu qed jikkonsidraw li jillikwidaw il-Kumpanniji għaxnaqasixxogħol,.,, et cetera, B'riżultat ta' dan, sarattentat mil RA biex jinhareg Mandat ta Inibizzjoni fuq iz-zewg kumpanniji VACF.. Izda billi kien sar ZBALLTEKNIKU b'luzuerroneju ta formula flok ohra, tal it- talba giet michuda. In segwitu il-mara ta' Aquilina. għamlet talba għall ħrug ta' Kontro-Mandat uq Mandat ta' Sekwetru li kienu ottenew kontra Christopher Aquiltila u u martu, u it-taba tagħha gietakkordata.Mhux magħruf jekk il-baneek neehhew idejhom ukoll minn 'fuq lejjestaChristopher Aquilia. Per9o, billi fi kwalunkwe kaz, minn tfttxija fir-Registru, Aquilinasofra 'freeze" BISS ta madwarsitta u tletin Ewro (!) kien car li dan kien serjagħmel minn kolloxbiex anke jekk jitlef il- Kawża xorfa majhallasx.. għax mhux verosimili li Direttr u Shareholder ta zewg Kumpaiji li arrikkixxa ruhu b ammonti konsiderevoli minnn qliegħ ingust minn fuq dahar L-" RA" Companies, MA JKOLLUX CENTEZMU F IL-BANK.. sakemm, S'INTENDI, ma jkunx nehhihom u 'iddispona mira flusu "IN FRAUD Of Creditors "ossijA BIEX JELUDILILL-KREDITURI.*

14. *Illi kien għalhekk, li (1) wara il-mossa ta dak il-kontro-mandat, u (2) d-diskors li ser jillikwidaw il-Kumpanniji,u (3) liil-kontijiet involuti fil-frodi kienu kollha jgħajtu - wara kollox -Ilill-VACF, u (4) li 1-istessQorti accettat li prima facie kellhom ragun jitolbu l-ammmissjoni tal-VACF Victor Fenech imdahhla nha;a konvenuti fil-kawża , u (6) l-urgenza li iikkawtelaw irwehho,.. KIENU DAWM IL FATTURI, u ohrajn li inkwetawhom, I li ehegħu lill-Esponenti biex fir-7 ta Dicenbru 2021 iintavolaw talba għall ħruġta Mandat ta Swiwestru Kawtelaroriu kontra il-Kumpanniji VACF għalhekk ,llli għalhekk mhux talli ma kien hemm ebda hsieb li jawvbdu lil dawk "on the wrong foot" għa kien gej ilMilied u lanqas bixsemplicement jivvessaw, izdahaxhemm "a real and pkif*

*jinsinwaw irrikorrerltt, izda kten " the realm and resent daneer"li id-drittijiet tagħhom jigu evazi.. b KOLLUZJONI Nejn id-diretturi, avolja għandhom kollox ippruvat b xhieda u dokumentib fil-Kawża.*

15. *Illi hawn aed issir piena riferenza għall-AStti tal-Kawża aejn applikabbli għall rikors odjern, ubhal ma huma 1-Affidavits ta Chris Mallia, Jonh Buttigieg u Marie Azzopardi... kif ukoll u b'mod speciali għar -Rikors detttaljat ta Ġunju 2021, li bih kienet saret it-talba għall Kjamata fil-Kawża tas-Socjetajiet VACF u Victor Fenech, meta intafl-Attital-Kswza.u l-fallimetal VACF. li, meg#hud koint ta kollox, specjalment il biza li l-kreditu tagħhom għas serqa li dofrw ikun eliz, l-RA kellhom rsguni valida għalfejn jindirizzaw il-htiega tagħhom bil ħruġ tal Mandat "dequo agitur'.*

16. *Illi qed jigu rezistii għalhekk l-argumenti tar-Rikorrenti u anke it-tabniet KOLLHA, għax minn ezami tal-Artikoll tal Kap 12 . Huma minnhiom citati, ebda wiehed minnhom ma japplika hall Kaz prezenti l-istess jingħad għas-Sentenza minnhom citata li jidher li poġġewha hemm iktar biex jimpressjonaw, għax il-punti hemm riportatihuma ferrm magħrufa mill-udikant odiern. Kwantu 1-iSkrittura li tant sar pleitu dwara, DIN għada , fi kwalunkwe kaz. sub- JUDICE fil-Kawżaprincipali. u se mai il-punti imressqa dwarha mil-partijiet in kawża, b'rispettgħad jehtiegu li fibattuti fil-gudizzju u jigu mixtarra minn din l-Onorabbli f dak il-"forum;;, għax inkellal- esponenti isofru pregudizzju għaxfi-Mandati hi mehtiega biss decizjoni "PRIMA FACIE" mentri 1-iSkrittura hi pasrti mill-Eccezzjonijiet fil-Kawa! Narra tistax minn hekk, wahedha, ma tistax xtitqies bhal xi rinunzja assolta u generali ta' drittijiet meta f'dik l-epoka, għalkemm kien hemm possibilta tasomom kbar,l-Esponenti ma kenux kienu għad jafu kemm kienet kira il-FRODI. Fejn hemm kaz ta frodi, il-pattijiet u obbligazzjonijiet mogħtija hyma norrnalment soppressi u superati minn necessitaURGENTI li ilO-roditinkixef u li tigi risarcita ,innn KULL MIN involut. gl- ahharnet Mandat relattiv jehtieg biss il-konvinzjoni tal-lmhallef "prima facie".*

17. *Illi Fejn hemm fir-Rikors riferenza għal Subartlkolu li jipprospetta lxi peravviz ta gimgħatejn qabel wiehed jipprocedi b'Màndat, dak f'dan ilkaz ma japplikax għax kien hemm digi Mandati ohra tttnehhew bil-bona grazzja ta dlk li Skrittura, u digakien hemm kawża prezentata u notifikata. għax in notifika tad degriet -kjamat in Kawz u tal Rikors promotur huma iktar minn ekwivalenti bhala preavvizli huma kienu jinsabu soggettti għa' mandati kawtelatorji. Kwantu għall MMONT DAN MA HUXEZAGERAT GĦAX JAMNTAGĦALL EKWIVALENTI TA KEMM ĠEW FODATI L-Esponenti b'lnvouices/ non-Cash f isem VACFm u peress li għalhekk hemm "PRIMA FACIE" probabbilta' fondata, (mhux semplivi kongettura, ta' forma ta prezunta komplicitakostruttiva, fil-fatti li graw, il-prossimita' TAL PERSUNI INVOLUTI, IT-TUL TA' SNINLI IT-TRADImENT TAL-Intimati odjerni dam għaddej, U FATTURI OHRA LI ġew spjegati u li GĦAD JOHORGU FIL-KAWŻA..; u għalhekk ir-responsabbilta' tista titqies bhala " joint and several" għal dak li hu l-ammont totali għandu ikun ikkawtelat. Matul il- procedikmntgudizzjarju pemdeti fl-ismijiet fuq*

*imsemmia. B'hekk l-artikoli u is-sanzjonijiet cutati ma humiex applikabbli għall-Esponenti.*

18. *Illi Jekk kellhom jigu milquaha in toto iew in parti, id-dannu soffert diga' mill-Esponenti ikun irrimediabbili. S'intendi, il-Mandat skond ilOligi ma jippregudikaxu ma jorbotx lill iba banek fejn hemmg aranziji bankarji tas-socjetjiet VACF .Fl- ahharnett, li-Qorti li akkordat il-Mandat certament ikkunsudrat sufficjenti ir-raguntjiet mgijuba fit-talba tiegħu, u id-diskrezzjonitagħa "prima facie" jixirqilha li tibqa rispettata. Għax min tefa il-gebla jew ippermettiha, u heba idu, issa irid il- protezzjoni t tal-Qorti u dan la hu gust u lanqasekwu.,*

*MITLUBA GĦALHEKK IC-CAHDA TAT-ALBIET KOLLHA tar-RIKORS, U BL-ISPEJJES KONTRA IR-RIKORRENTI ODJERNI*

3. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-13 ta' Jannar 2022, wara liema trattazzjoni ir-rikors ġie differit għallum għal-deċiżjoni.

## Ikkunsidrat

4. Jirriżulta, mill-assjem tal-argumentazzjoni imressqa quddiem dina l-Qorti, illi s-soċjeta' rikorrenti, permezz tal-kawża 1119/2019 fl-ismijiet '***R.A. & Sons Limited et vs Christopher Aquilina et***' ippreżentata fil-21 ta' Novembru 2019, kienu qegħdin jitolbu lill-Qorti biex tiddikjara illi l-intimati Christopher Aquilina u Christopher Mallia kienu iddefradew lill-istess soċjeta' rikorrenti u għalhekk tillikwida d-danni minnha sofferti.

5. Jirriżulta illi fl-1 ta' Diċembru 2020, is-soċjeta' rikorrenti ċediet il-proċeduri fil-konfront ta' Christopher Mallia, wara ftehim milħuq miegħu fejn b'kuntratt datat 27 ta' Marzu 2020, obbliga ruħu illi jrodd lura s-somma ta' mija u għoxrin elf Euro (€120,000).

6. Jirriżulta illi, fit-23 ta' Ġunju 2021, fuq talba ta' l-istess soċjeta' rikorrenti, u in vista tan-nuqqas ta' risposta ta' Christopher Aquilina, ġew kjamati in kawża s-soċjeta' VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishing Limited.

7. Jirriżulta illi, fis-7 ta' Diċembru 2021, is-soċjeta' rikorrenti ippreżentaw Mandat ta' Sekwestru Nru 1802/2021 kontra Christopher Aquilina u VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited fejn talbu sabiex jiġu kkawtelati d-drittijiet tagħhom fl-ammont ta' ħames mitt elf Euro (€500,000).

8. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, s-soċjeta' kjamati in kawża VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishing Limited qegħdin jitolbu r-revoka tal-Mandat abbażi tas-subartikolu (b), (d) u (f) tal-Artikolu 836 (1) tal-Kap 12.

## Ikkunsidrat

9. Jirriżulta, mid-dokumentazzjoni illi jirriżultaw fl-atti tal-kawża 1119/2019, illi fis-16 ta' Settembru 2019, kienu ġew ippreżentati żewġ Mandati ta' Sekwestru, Nru 1249/19 u 1247/19, fil-konfront tas-soċjetajiet VACF Plasterers Limited u VACF Property

Finishings Limited, fl-ammont ta' mitt elf Euro (€100,000) in rigward tal-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited għal ħlas ta' merkanzija meħuda mingħandha ad insaputa tagħha u qatt imħallsa mill-istess soċjetajiet VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited.

10. Jirriżulta illi, sussegwentement, permezz ta' ftehim datat 1 ta' Ottubru 2019, l-intimat Christopher Aquilina assuma r-responsabbilta' ta' kwalsiasi ħlas pretiż mingħand is-soċjetajiet VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited u obbliga ruħu illi jrodd lura l-flejjes dovuti.

11. Jirriżulta illi, sussegwentement għal tali ftehim, is-soċjeta' rikorrenti R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited ipproċedew bil-ħruġ tal-kontro mandati relattivi 1325/19 fit-2 ta' Ottubru 2019, kif aċċettat mis-soċjeta' R.A & Sons stess.

12. Jirriżulta illi, sussegwentement, is-soċjetajiet R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited, fil-21 ta' Novembru 2019, pproċedew kontra Christopher Aquilina u Christopher Mallia, ex-impjegat tas-soċjeta' R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited, u ma mexxew ebda proċeduri fil-konfront tas-soċjetajiet intimati VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited.

13. Jirriżulta illi, fil-5 ta' Ġunju 2020, wara illi r-rappreżentant tas-soċjeta' R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited sema' lill-Victor Fenech, rappreżentant tas-soċjeta' VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited jgħid illi kien ser jillikwida l-kumpanniji, huwa pproċeda sabiex talab il-kjamat in kawża tas-soċjetajiet VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishing Limited, liema talba eventwalment ġiet milqugħa fit-23 ta' Ġunju 2021 wara illi l-intimat Christopher Aquilna ġie notifikat tramite l-konsulent legali tiegħu.

## Ikkunsidrat

14. Jirriżulta, mir-rikors ippreżentat mis-soċjetajiet VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited, illi huma qed jibbażaw it-talba tagħhom għar-revoka tal-Mandat fuq tlett premessi:

    a. Illi waħda mill-ħtiġijiet tal-Liġi għall-ħruġ tal-Mandat ma jkunx għadu jeżisti, u dana skond 836 (1) (b);
    b. Illi l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv, u dana skond 836 (1) (d);
    c. Illi ma huwiex raġjonevoli illi jinżamm fis-seħħ il-Mandat, u dana skond 836 (1) (f).

15. Il-Qorti tibda, l-ewwel u qabel kollox, billi tagħmel referenza għal dak deċiż mill-Prim' Awla fit-28 ta' April 2015 fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd**, fejn intqal is-segwenti:

> *"…fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie.*

*Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* ***Camilleri vs Gové et****, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem:*

*"mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta'* ***prima facie*** *(*sottolinjar ta' dina l-Qorti*) u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

16. L-istess ġie rilevat fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1235/2015 fl-ismijiet **Gaetano Abdilla et vs Bianco Charles et,** fejn intqal is-segwenti:

*"L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide Vincent Mercieca vs George Galea, 29 ta' Novembru, 2011, u Technobroadcast srl vs Mediterrenean Broadcasting Limited, tal-5 ta' Ġunju, 2007)."*

17. Għalhekk, huwa ċar illi l-eżami illi għandha tagħmel dina l-Qorti hija waħda esklussivament '*prima facie*', u ma għandha jkollha ebda rilevanza għall-meritu finali tal-kawża bejn il-partijiet.

**Ikkunsidrat**

18. Dwar l-ewwel bażi tal-azzjoni odjerna, ossija dik ibbażata fuq l-Artikolu 836 (1) (b) tal-Kap 12, il-Qorti tagħmel referenza għal dak illi ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Henri Mizzi noe vs Jebmed SRL** fejn il-Qorti qalet hekk dwar tali provvediment tal-Liġi:

*Din id-disposizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att.*

19. Jirriżulta illi l-Artikolu 831 tal-Kap 12 jipprovdi għas-segwenti elementi neċessarji għall-ħruġ ta' Mandat:

*831.(1) It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti msemmija għandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrenti u għandu jkun fiha, taħt il-piena tan-nullità tal-att, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu jkunu ordnati b'regolamenti:*

> *(a) l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur; u*
>
> *(b) fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba.*
>
> *Jekk il-kawża tkun diġà ġiet ippreżentata fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.*
>
> *(2) Ir-rikors għandu jiġi konfermat mir-rikorrent bil-ġurament:*

20. Jirriżulta, mill-kopja tal-Mandat ta' Sekwstru Nru 1802/2021 ippreżentat mir-rikorrenti VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited, illi l-elementi kollha kif fuq rikjesti lkoll jirriżultaw ippruvati, u għalhekk ma hemm ebda raġuni għaliex it-talba tar-rikorrenti għandha tintlaqa' fuq tali bażi.

21. Għalhekk it-talba għar-revoka abbażi tal-Artikolu 836 (1) (b) qiegħda tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat**

22. Jirriżulta illi t-tieni talba tar-rikorrenti hija bbażata fuq dak ipprovdut fl-Artikolu 836 (1) (d), ossija illi jista' jitħassar "*jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv*".

23. Il-Qorti hawnhekk tibda billi tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti fil-kawża **Office Group Limited vs Jamar Malta Limited** deċiża fl-10 ta' Awissu 2012, fejn kellha dan xi tgħid dwar il-konsiderazzjoni illi kellha tagħmel il-Qorti:

> *Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti;*
>
> *Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat;*

24. Jirriżulta, dejjem fuq bażi prima facie, illi s-soċjeta' R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited ippreżentaw il-Mandat ta' Sekwestru Nru 1802/2021 għall-

pretensjoni illi hija għandha kontra s-soċjeta’ VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited fl-import ta’ ħames mitt elf Euro (€500,000), u bbażat tali ammont bħala “ammont da likwidarsi” abbażi tal-meritu tal-kawża 1119/2019 li qiegħda tinstema’ quddiem dina l-Qorti.

25. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjeta’ VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited qegħdin jikkontendu illi kien hemm ftehim datat 1 ta’ Ottubru 2019, li jinsab fl-atti tal-kawża u eżebita mis-soċjeta’ R.A & Sons Ltd stess, fejn kien aċċettat mis-soċjeta’ R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited illi kwalsiasi dejn dovut lilha kien qiegħed jiġi assunt minn Christopher Aquilina u “*RA and Christopher Aquilina both declare that they shall hold VACF and Victor Fenech harmless against any claims in excess of the €35,464.75 being paid today*”.

26. Il-Qorti tirrileva illi, skond tali ftehim, illi issa s-soċjeta’ rikorrenti R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited qiegħed tirripudja u tikkontesta l-applikabbilita’ tagħha, l-istess soċjeta’ R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited kienet obbligat ruħha li hija “ *... shall direct any action it may have had against VACF in excess of the €35,464.75 being paid today against Christopher Aquilina personally.*”

27. Il-Qorti tirrileva wkoll illi, wieħed mill-intimati, ossija Christopher Mallia, f’dikjarazzjoni minnu magħmula lis-soċjeta’ R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited, kien aċċetta li l-ammont li s-soċjeta’ R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited kienet qiegħda tippretendi kien jammonta għal €483,000, minn liema ammont huwa kien qiegħed jammetti l-ammont ta’ €120,000, li għaliha huwa għamel kostituzzjoni ta’ debitu fl-1 ta’ Ottubru 2020, bir-riżultat illi proċeduri fil-konfront ta’ Mallia twaqqfu.

28. Il-Qorti tirrileva wkoll illi, permezz tal-ftehim tal-1 ta’ Ottubru 2019, l-intimat l-ieħor Christopher Aquilina, filwaqt illi kien assuma kwalsiasi pretensjoni illi setgħet kellha s-soċjeta’ R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited mingħand is-soċjetajiet VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited, kien ukoll ħallas l-ammont ta’ madwar €35,500 lis-soċjeta’ R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited.

29. Jirriżulta, għalhekk, illi ċertament il-pretensjoni tas-soċjeta’ R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited fil-konfront tas-soċjetajiet VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited ma tista’ qatt tkun ta’ nofs miljun Euro, kif minnha pretiż, iżda, jekk ippruvat, huwa ta’ ferm anqas minn vista tal-ħlasijiet fuq imsemmija.

30. Jirriżulta wkoll, dejjem fuq bażi prima facie, illi s-soċjeta’ R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited kienet illiberat lis-soċjetajiet VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited minn kwalsiasi pretensjoni oħra, u għalhekk, dejjem fuq bażi prima facie, jista’ jingħad illi l-ammont mitlub mis-soċjeta’ R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited fil-konfront tas-soċjeta’ VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited ma huwiex ġustifikat.

31. Għalhekk, il-Qorti tqis illi t-talba għar-revoka tal-Mandat abbażi tal-Artikolu 836 (1) (d) jimmerita illi jintlaqa’ peress illi jirriżulta kemm illi l-ammont mitlub huwa eċċessiv kif ukoll illi ma huwiex prima facie ġustifikat.

**Ikkunsidrat**

32. Il-Qorti tosserva illi s-soċjeta' VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited talbet ukoll ir-revoka tal-Mandat abbażi tal-Artikolu 836 (1) (f), iżda dina l-Qorti tosserva illi la darba ġie deċiż, a favur tagħha, r-rikors abbażi tal-Artikolu 836 (1) (d), eżami dwar l-Artikolu 836 (1) (f) huwa purament eżerċizzju akkademiku illi dina l-Qorti ma għandhiex il-ħin x'taħli toqgħod tagħmel.

33. Il-Qorti tosserva, finalment, illi s-soċjeta' rikorrenti VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited talbu wkoll għall-imposizzjoni tal-penali a tenur tal-Artikolu 836 (8) tal-Kap 12.

34. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal dak ritenut fid-digriet fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs Jan Sammut** mogħti fit-2 ta' Lulju 2020, fejn il-Qorti qalet:

> *Tajjeb jingħad li l-mandati kawtelatorji jinħarġu fuq ir-responsabilita' ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom.*
>
> *Il-vessatorjeta' twassal għar-responsabilita'. Min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju u jkun ibbaża t-talba fuq ċirkostanzi manifesti 'priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promossa si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non è sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite' (sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXVI.I.405). Il-vessatorjeta' timplika grad ta' kolpożita' u kattiverija. Twassal ukoll għal abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja.*

35. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza ukoll għal dak illi ntqal fid-digriet fl-ismijiet **Office Group Limited vs Jamar Malta Limited** fejn, dwar l-imposizzjoni ta' dina s-sanzjoni, kellha dan xi tgħid:

> *Illi dwar il-kwistjoni tal-impożizzjoni tal-penali, jrid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, jrid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi sabiex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;*

36. Fil-każ odjern, l-ebda mill-erbgħa ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 836 (8) tal-Kap 12 ma jirriżultaw ippruvati, w għalhekk il-Qorti ma tqisx illi huwa opportun illi jiġu applikati l-estremi ta' tali provvediment tal-Liġi w timponi penali.

37. Għalhekk, it-talba tal-imposizzjoni tal-penali ma hijiex qiegħda tiġi kkunsidrata favorevolment minn dina l-Qorti.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat ir-rikors w ir-risposta;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti,

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' R.A & Sons Limited u R.A & Sons (Manufacturing) Limited, u għalhekk:

**Tilqa'** l-ewwel u tieni talba tas-socjeta VACF Plasterers Limited u VACF Property Finishings Limited u għalhekk:

**Tordna** r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1802/2021 fl-ismijiet ***R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited vs Christopher Aquilina u VACF Plasterers Ltd u VACF Property Finishings Limited***, u **dana limitatament fejn jirrigwarda lis-soċjeta' VACF Plasterers Ltd u VACF Property Finishings Limited** filwaqt illi żżommu ferm fejn jirrigwarda Christopher Aquilina.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-soċjeta' R.A & Sons Limited u R.A & Sons Manufacturing Limited in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** LL.D. LL.M. (IMLI)
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**